**Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja**
**2018**
**L-Iskema tal-Marki**
**Il-Malti: Il-Kitba – It-Tieni Sessjoni**

Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

**A. Il-Kitba ta' Istruzzjonijiet (10 marki)**

*L-istudent għandu jikteb bejn 50 u 60 kelma. Fil-kitba tal-istruzzjonijiet l-istudenti jridu jsemmu: il-materjal/l-ingredjenti li se jużaw u d-dettalji kollha mistennija biex jaslu għall-prodott finali. Il-kitba jrid ikollha sekwenza tajba. Jiġu aċċettati sentenzi sħaħ, kif ukoll f'forma ta' bullets. Importanti li jintuża l-Imperattiv fejn meħtieġ.*

**L-Espressjoni (2 marki)**

| 0-1 | 2 |
|---|---|
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar. |

**Il-Vokabularju (2 marki)**

| 0 - 1 | 2 |
|---|---|
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. |

**Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki)**

| 0 - 1 | 2 |
|---|---|
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. |

**L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki)**

| 0 | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti. | Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti. |

| | |
|---|---|
| **L-Eċċellenza (marka)** | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. |

*F'każ li l-istudent* ***ma jagħtix l-istruzzjonijiet it-tajba****, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.*

**B. Il-Kitba ta' Ittra Informali**

**Il-pjan tal-kitba (2 marki)**

*Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet.*
*Fil-pjan, tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.*

| | |
|---|---|
| ▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel. | 1 |
| ▪ Il-pjan huwa organizzat sew. | 1 |

*Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.*

| **Il-kitba ta' Ittra Informali (18-il marka)** | |
|---|---|
| *L-istudent għandu jikteb bejn 140 u 200 kelma.*<br>*Importanti li jkun hemm il-komponenti kollha tal-ittra: L-indirizz (jiġi aċċettat kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug), id-data, it-tislima, it-tqassim u t-tislija.* | |
| **L-Espressjoni (2 marki)** | |
| **0-1** | **2** |
| ▪ Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba – ebda marka.<br>▪ Ma jafx jikkomunika sewwa l-ħsibijiet b'kitba ċara u b'ordni – marka waħda. | ▪ Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni. |
| **It-Tqassim (3 marki)** | |
| **0-1** | **2-3** |
| ▪ Kitba bla ebda tqassim f'paragrafi u bla ebda komponenti tal-ittra ma tingħata l-ebda marka.<br>▪ Kitba mqassma f'aktar minn paragrafu wieħed, imma m'għandhiex il-komponenti tal-ittra, tingħata marka waħda biss. | ▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens, b'xi komponenti tal-ittra, tingħata żewġ marki.<br>▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens, bil-komponenti kollha tal-ittra, tingħata tliet marki. |
| **Il-Vokabularju (3 marki)** | |
| **0 - 1** | **2-3** |
| ▪ Kitba li għandha firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | ▪ Kitba li għandha firxa wiesgħa ta' vokabularju. |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (4 marki)** | |
| **1 - 2** | **3 - 4** |
| ▪ Kitba b'ħafna żbalji tal-grammatika u mingħajr struttura tajba tas-sentenzi. | ▪ Kitba bir-regoli ewlenin tal-grammatika u struttura tajba tas-sentenzi. |

**L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)**

| 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut. | Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut. | Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut. | Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti. | Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti. |

| **L-Eċċellenza (marka)** | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. |
|---|---|
| ***Jekk l-istudent jikkonċentra aktar fuq aspett wieħed tat-titlu, ma jitnaqqsux marki.*** | |
| *F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.* | |